**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 16 ta' Jannar 2020

Rikors Numru: 451/19 AL

**A B**

Vs

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie ġurament mir-rikorrent li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fil-ħamsa u għoxrin (25 ta' Frar tas-sena elf disa' mija tmienja u sebgħin (Ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok. A);
2. Illi l-partijiet ġew debitament awtorizzati jgħaddu għall-kuntratt ta' separazzjoni in forza ta' digriet mogħti mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Prim'Awla) fit-tnax (12) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tnejn (2002)

u b'hekk iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni quddiem in-Nutar Dr. Margaret Heywood datat għoxrin (20) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003) (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. B)

3. Illi l-partijiet ilhom aktar minn erbgħa (4) snin de facto u de jure separati;
4. Illi m'hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal legalment separati u ma jgħixux flimkien, u li llum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;
5. Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni (klawsola 2) "ir-raġel irrinunzja għall-manteniment mingħand il-mara, iżda huwa għandu jħallas lill-mara manteniment ta' ħamsin (50) Lira Maltin fil-ġimgħa li għandha tiġi miżjuda per annum skond l-għoli tal-ħajja..." għalkemm kien hemm ftehim bejn il-partijiet rigwardanti manteniment minħabba bdil ta' ċirkostanzi, r-raġel dejjem żamm ma' dan l-obbligu miftiehem sal-llum il-ġurnata u m'hemmx arretrati rigwardanti manteniment.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-liġijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti  li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Ottubru, 2019;

Semghet lill-intimata twieġeb fuq domanda tal-Qorti li m'għandha ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta' Mejju, 2003;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.